C/2024/5867

26.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11704 – TRAFIGURA / MEROIL / MEROIL TANK JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5867)

1. Fid-19 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Trafigura Group Pte. Limited ("Trafigura", Singapore),

— Meroil S.A. ("Meroil", Spanja),

— Meroil Tank S.L., ("Meroil Tank", Spanja).

Trafigura u Meroil se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Meroil Tank.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Trafigura hija negozjant indipendenti tal-komoditajiet li jispeċjalizza fis-swieq tal-enerġija, tal-minerali u tal-metalli. Hija attiva f'żewġ linji ewlenin tan-negozju, jiġifieri l-kummerċ fiżiku tal-komoditajiet u l-loġistika relatata inkluż it-trasport bil-baħar u n-noleġġ, u diversi attivitajiet relatati mal-infrastruttura industrijali,

— Meroil hija involuta f'operazzjonijiet relatati mal-bejgħ bl-ingrossa ta' prodotti petroliferi lil klijenti indipendenti (stazzjonijiet ta' servizz, distributuri ta' żejt tal-gass lil klijenti bl-imnut u dawk kummerċjali), kummerċjalizzazzjoni bl-imnut permezz tan-network tagħha stess ta' stazzjonijiet ta' servizz, ħażna ta' prodotti petroliferi u, fuq bażi residwa, attività ta' kummerċ.

3. Meroil Tank hija attiva fil-kiri ta' kapaċità ta' ħżin ta' prodotti petroliferi f'sit loġistiku f'Barċellona lil partijiet terzi u lill-kumpanija omm tagħha.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11704 – TRAFIGURA / MEROIL / MEROIL TANK JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË